Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 328/2011/1

**MM Workshop Limited [C 430230]**

**vs**

**Dipartiment tal-Protezzjoni Civili**

16 ta' Gunju, 2017

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici tal-15 t'April 2011** quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema ppremettiet li (i) hija wettqet xoghlijiet fuq vetturi proprjeta' tad-Dipartiment konvenut fuq ordnijiet tieghu stess; (ii) id-Dipartiment naqas milli jhallas il-prezz ghax-xogholijiet maghmula mis-socjeta' attrici u dan fis-somma ta elfejn disa' mija tmienja u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€2938.64); u (iii) minkejja li f'diversi okkazjonijiet is-socjeta' attrici nterpellat lid-Dipartiment sabiex ihallas is-somma dovuta anke permezz ta' ittra legali datata 22 ta' Lulju 2010 u ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Settembru 2010, dan baqa' inadempjenti. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal sabiex jordna lid-Dipartiment konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn disa' mija u tmienja u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€2938.64) flimkien mal-ispejjez gudizzjarji nkluz dawk tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali, kif ukoll, il-hlas tal-imghaxijiet relattivi skont il-ligi.

Rat **ir-risposta tad-Dipartiment konvenut tal-24 ta' Mejju 2011** permezz ta' liema huwa eccepixxa (i) preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) preliminarjament ukoll illi id-Dipartiment ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u dan stante li fl-ewwel lok huwa qatt ma ordna li jsiru dawn ix-xogholijiet li taghhom qieghed jintalab il-hlas, u fit-tieni lok, dawn il-vetturi qatt ma gew mghoddija formalment lilu; (iii) minghajr pregudizzju, ghandu jigi kjamat in kawza ta' Mark Pace (ID547677M) ta' 106, Marcar, Triq Xintill, Tarxien, u dan peress li kien hu li ordna x- xogholijiet li huma mertu ta' din il-kawza u mhux id-Dipartiment konvenut; u (iv) fil-mertu u bla pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bis-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2017 din il-qorti:

1. Cahdet l-appell incidentali tal-konvenut u kkonfermat is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghal dak li jikkoncerna l-eccezzjoni li m'huwiex il-legittimu kontradittur.
2. Varjat is-sentenza tat-Tribunal fis-sens li hassret dik il-parti tas-sentenza li laqet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u minflok cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Fadal li issa tinghata sentenza dwar il-meritu (artikolu 8(4) tal-Kap. 380).

Il-hlas li tippretendi l-attrici jirrigwarda xoghol fuq il-vetturi. Fl-affidavit Josephine Mercieca qalet li l-hlas li tippretendi jirrelata ghall-invoices numru 2321, 3029 u 3554. Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012 xehedet li l-kontijiet 2321 u 3554 jirreferu ghall-vettura Polo W2390 u l-kont 3029 jirreferi ghall-vann PDC-005.

Mir-rendikont datat 4 ta' Jannar, 2010 (fol. 71) jirrizulta li l-attrici qeghda titlob hlas fir-rigward tal-kont numru:

i. 2321 datat 24 ta' April, 2008 – Polo W2390………………….. €1,516.71;
ii. 3029 datat 28 ta' Mejju, 2008 – Van PDC 005…………………€1,179.69;
iii. 3554 datat 25 ta' Gunju, 2008 – Polo W2390………………… €242.24

**Total**…………………………………………………………………… **<u>€2,938.64.</u>**

Mid-deposizzjoni ta' Brian Farrugia (affidavit a fol. 57), jirrizulta li:

i. PDC-005 hi vettura registrata f'isem Mark Pace, li ilha hekk registrata mill-25 ta' Jannar, 2007 u kienet hekk ghadha registrata meta xehed fis-7 ta' Mejju, 2013. Qal ukoll li qabel kienet registrata f'isem Portughes Dry Cleaning Limited.
ii. W2390 hi SEAT Marbella registrata f'isem Riyad Shwehdi (fol. 60), kellha dak in-numru bejn il-21 ta' Ottubru, 1993 u l-5 ta' Gunju, 1997. Imbaghad, *"Il-pjanci ta' registrazzjoni bin-numru W2390 gew mibdulin fil-5 ta' Gunju tas-sena 1997 u flokhom inhargu pjanci bin-numru ta' registrazzjoni BAJ 512 li sal-gurnata tal-lum ghadhom assenjati lil vettura SEAT Marbella"*.

Dak li xehed Brian Farrugia ma giex kontradett b'xi prova ohra. Lanqas sarlu kontro-ezami.

Ghal dak li jikkoncerna l-vettura **PDC 005** m'hemmx dubju li kienet qeghda tintuza mill-konvenut. Fil-fatt mir-ritratti li pprezentat l-attrici jirrizulta li fuq dak il-vann hemm stampat taghrif relatat mal-konvenut (ara fol. 74-76). Il-fatt li mill-provi rrizulta li l-vettura ma kinitx registrata f'isem id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, m'hijiex prova sufficjenti biex twassal lill-qorti tikkonkludi li x-xoghol li sar fuq il-vettura gie ordnat minn terza persuna.

Fir-rigward tax-xoghol li l-attrici qalet li ghamlet fuq il-vettura W2390, il-qorti tosserva:

i. Josephine Mercieca, ghas-socjeta attrici, xehedet li meta d-Dipartiment kien jiehu vettura fil-garaxx taghhom ma kinux jinghataw dokumenti (fol. 64).
ii. Ma saret l-ebda prova mill-attrici li kien hemm okkazzjonijiet precedenti meta din il-vettura ttiehdet fil-garaxx tal-attrici, sar xoghol fuqha u l-attrici thallset tax-xoghol.
iii. Ix-xoghol li tikkoncerna din il-kawza, sar matul is-sena 2008 (ara *statement of account* a fol. 71 u email ta' Josephine Mercieca a fol. 72).

iv. Mid-deposizzjoni ta' Brian Farrugia rrizulta li fil-bidu ta' Gunju, 1997 in-numru W2390 inbidel ghan-numru BAJ 512. L-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni kif fil-kontijiet li harget fis-sena 2008 u korrispondenza, ghamlet riferenza ghal numru ta' vettura li ma kienx jezisti fiz-zmien li sar ix-xoghol.

Cirkostanzi li joholqu dubju serju kemm kien il-konvenut li ha din il-vettura ghand l-attrici ghat-tiswija. Pero' fuq in-naha l-ohra tal-munita hemm il-konsiderazzjonijiet li saru mill-qorti fis-sentenza tal-21 ta' Marzu, 2017 (ara fol. 10 u 11 tas-sentenza) u li m'hemmx htiega li jergghu jigu riprodotti f'din is-sentenza. Provi li fil-fehma tal-qorti huma iktar b'sahhithom u ghandhom iwasslu biex it-talba tal-attrici tintlaqa' fl-intjier taghha. Min-naha tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili m'hemmx prova wahda li fiz-zmien rilevanti kien oggezzjona ghall-hlas li hu l-oggett ta' din il-kawza. Kien biss wara li dahal fix-xena Patrick Murgo (Jannar 2010), li hemm prova li d-Dipartiment oggezzjona. Pero' x-xoghlijiet saru fi zmien meta d-Direttur tad-Dipartiment kien Peter Cordina. Hu veru li Murgo xehed li kien tkellem ma' Peter Cordina u:

> *"…. kien ikkonfermali wkoll illi ma kienx id-Dipartiment li kien ordna x-xoghol fuq dawn il-vetturi li ma jappartjenux lid-Dipartiment".*

L-inqas li kellu jaghmel id-Dipartiment kien li jharrek lil Cordina bhala xhud tieghu. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li kif diga' osservat m'hemmx provi li Cordina kien oggezzjona ghall-hlas. Il-prova li hemm hi li:

i. Fl-4 ta' Dicembru, 2009 Mercieca baghtet email lil Cordina fejn qaltlu:

> *"I have been trying to contact you through out the whole week but unfortunately with no luck. We are still waiting our payments of last year's invoices. Your early settlement of the said invoices would be appreciated".*

ii. Dakinhar stess Cordina wiegeb:

> ***"In process".***

Cirkostanzi li ma jhallu l-ebda dubju ghall-qorti li d-Dipartiment kien accetta li jhallas il-kontijiet li jinkludu dawk oggett ta' din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni fil-meritu u tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn disa' mija u tmienja u tletin ewro u erba' u sittin centezmu (€2,938.64), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.